**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

**Ryan Sultana**

**Illum 28 t' Ottubru 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 534/2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ryan Sultana, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0329497(M), billi huwa akkuzat talli nhar il-05 ta' Novembru 2016, ghall-habta ta' bejn is-sitta ta' wara nofsinhar u s-sitta u kwart ta' wara nofsinhar (18:00hrs – 18:15hrs) gewwa Triq Hal Far, limiti tal-Gudja, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti waqt li kien qieghed isuq vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota, tip Vitz, bin-numru tar-registrazzjoni ABV-105:

1. Talli involontarjament, ikkaguna l-mewt ta' Barry Christopher Zammit.

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-mutur tal-ghamla Honda bin-numru tar-registrazzjoni ACG-992 proprjeta' ta' Barry Christopher Zammit, ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni ABV-105 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 56*) datata 5 t' April 2021 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 328(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghall-artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 15(1)(a), 15(2) u/jew 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tal-15 t' April 2021 (*a fol. 57)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-5 t' April 2021, u f'liema seduta l-

imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi, waqt is-seduta tal-15 ta' April 2021 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha;

Rat illi, waqt is-seduta tal-1 ta' Lulju 2021, il-Qorti kkoncediet zmien lill-partijiet sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub dwar dan il-kaz fejn ghandhom jittrattawh kemm min-naha ta' difiza u kif ukoll min-naha ta' parte civile;

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fit-23 ta' Lulju 2021;

Rat fil-1 ta' Settembru 2021 id-difiza pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub;

Rat illi fid-29 ta' Settembru 2021 il-Parte Civile pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**<u>Il-fatti tal-kaz</u>**

L-imputat Ryan Sultana kien qieghed isuq gewwa Triq Has-Saptan u hareg ghal Triq Hal Far u l-vittma kien qed isuq fi Triq Hal Far, direzzjoni lejn Hal Luqa. Il-vittma Barry Christopher Zammit baqa' diehel fuq wara tal-vettura misjuqa mill-imputat, li hi tal-ghamla Toyota Vitz b'numru ta' registrazzjoni ABV 105. Il-vittma spicca tilef hajtu kawza ta' dan l-incident.

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu disa' (9) xhieda kif gej:

PS 1226 Silvan Pulis (*a fol* 19 et. seq.); Spettur Charlotte Curmi (*a fol* 28 et. seq.); Spettur Janetta Grixti (*a fol* 34 et. seq.); Shaun Mifsud (*a fol* 35 et. seq.); PS 816 Shaun Vassallo (*a fol* 36 et. seq.); Dr. Christopher Muscat (*a fol* 37 et. seq.); Spettur Janetta Grixti (*a fol* 42 et. seq.); Dr. Mario Buttigieg (*a fol* 44 et. seq.); Stephen Cachia (*a fol* 45 et. seq.).

**KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI**

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-

Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**L-għodda biex tiddeciedi**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[2]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[3] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn

[2] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

[3] Appell Kriminali Numru. 115/2006

xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

L-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**<u>Il-verzjoni tal-imputat</u>**

L-imputat fuq il-post tal-incident, meta gie mitkellem mill-Pulizija stqarr – "*Kont qieghed insuq, hrigt mill-isqaq, direzzjoni lejn l-ajruport u smajt daqqa fuq wara u daqshekk.*"[4] Liema verzjoni tinsab fil-PIRS Report[5].

[4] Fol. 8 tal-Atti Processwali

[5] esebit a fol. 5 et. seq tal-atti processwali.

Nhar it-12 ta' Novembru, 2016, l-imputat ta x-xhieda tieghu quddiem Mario Buttigieg, l-espert mahtur fl-in genere. Dwar id-dinamika tal-incident stqarr:

> *"Kif ghaddejt mit-trejqa u wasalt fit-triq il-maggura, jiena waqaft, harist 'l fuq u 'l isfel, ergajt harist darbtejn ohra, rajt li ma kien gej hadd u hrigt b'mod regulari. Nghid li l-vettura tieghi hi automatic. Kif hrigt u ddritajt u bdejt anke nsuq hassejt hoss qawwi u l-vettura ssussat minn wara. Jiena dak il-hin iffrizajt peress li kont naf li ma kien gej hadd."* [6]

**Ikkunsidrat:**

Kif diga' ddikjarat aktar 'l fuq kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wiehed pjuttost oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija**

[6] Fol. 119 tal-Proces Verbal

**vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatti li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux a priori jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju

1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll*

***Repubbblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."*[7]

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali li huma ta' rilevanza ghal kull kaz, izda b'mod partikolari ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat u jekk tali akkuzi irrizultawx ippruvati.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

**(i) Il-Kuncett ta' Negligenza**

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg tejoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-tejorija hekk imsejha oggettiva u dik suggettiva. It-test ghat-tejorija oggettiva mhux wiehed li hu immirat biex jistabilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident fil-*fatti specie* partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f'cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-tejorija suggettiva tenfasizza li wiehed jista' jitkellem fuq agir negligenti jekk ikun hemm nuqqas f'li wiehed ikun *alert* jew vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f'dak il-kaz partikolari.

[7] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

Il-Kodici Kriminali taghna fl-artikoli 225, [8] 226[9] u 328[10] jitkellem fuq *"nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*. Ma tezisti l-ebda spjegazzjoni tat-termini *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*; madanakollu dawn generalment huma mehudin li jfissru bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'cirkostanzi partikolari. Fir-rigward tat-termini *"nuqqas ta' hila fl-arti u professjoni tieghu"* u *"nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*, l-implikazzjoni ta' dawn il-frazijiet huma pjuttost cari u ma jhallu lok tal-ebda interpretazzjoni. Sakemm l-agir negligenti ma

---

[8] Artikolu 225: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."*

[9] L-Artikolu 226 jirreferi ghall-offizi li ma jwasslux ghall-mewt izda jarrekaw biss hsara gravi jew hafifa fuq il-persuna ta' l-individwu: *"Jekk minhabba l-fatti imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel - (a) jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€4658.75); (b) jekk l-offiza tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmi (€2329.37); (c) jekk l-offiza tkun hafifa, il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet. (2) Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(c), il-procediment jista' jittiehed biss fuq kwerela tal-parti offiza.*

[10] L-artikolu 328 jaqra: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati - (a) jekk minhabba f'hekk tigri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225; (b) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il- persuna, li tkun iggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); (c) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi minghajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69); (d) f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet: Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjetà pubblika, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza."*

jinkwadrax ruhu taht xi wahda mill-parametri stabbiliti minn dawn l-artikoli tal-ligi, persuna ma tkunx tista` tigi misjuba hatja ta' negligenza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-azzjoni kriminali. Inoltre tali agir negligenti jrid ikun per forza wassal sabiex giet arrekata hsara lill-persuna jew inkella xi proprjeta`. Dan ghaliex fl-artikoli 225, 226 u l-artikolu 328, il-hsara lill-persuna jew lill-proprjeta` hija indikata bhala wahda mill-elementi kostituttivi tar-reat.

Il-Kodici taghna huwa bbazat fuq il-Kodici Taljan tal-1889. Fil-kummentarju tad-disposizzjonijiet relattivi ghal negligenza ta' dan il-Kodici, awturi Taljani dejjem qiesu li ghandu jigi applikat it-test suggettiv.[11] Jekk wiehed iqis it-termini wzati fil-ligi taghna u cioe` *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*, wiehed jista' jinnota li dawn huma termini li qeghdin jirreferu direttament ghall-attitudni soggettiva ta' min ikun hati tar-reat. Huwa necessarju ghalhekk li wiehed jindika jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kinux jippermettu lill-persuna involuta li tintebah bil-konsegwenzi tal-agir taghha.

Il-parti operattiva u essenzjali tal-akkuza li giet dedotta fil-konfront tal-imputat hija li nhar il-05 ta' Novembru 2016, ghall-habta ta' bejn is-sitta ta' wara nofsinhar u s-sitta u kwart ta' wara nofsinhar (18:00hrs – 18:15hrs) gewwa Triq Hal Far, limiti tal-Gudja involontarjament kkaguna l-mewt ta' Barry Christopher Zammit wara incident tat-traffiku li sehh waqt li kien qieghed isuq vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota, tip Vitz, bin-numru tar-registrazzjoni ABV-105 *"b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti"*,

[11] Ara Impallomeni, Vol III, pg 1662

ghamel hsara fil-mutur tal-ghamla Honda bin-numru tar-registrazzjoni ACG-992 proprjeta' ta' Barry Christopher Zammit u li saq vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni ABV-105 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Il-gurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tieghu, jispjega illi ghalkemm il-frazijiet *"nuqqas ta' hsieb"* u *"traskuragni"* m'humiex moghtija definizzjoni mil-ligi pero jkompli jghid li *"it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances"*[12].

Il-Professur Mamo jkompli jsostni li, *"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen"*[13]. Sabiex jenforza t-tezi tieghu, Mamo jaghmel referenza ghat-taghlim ta' Francesco Carrara, u jikkwotah kif segwenti – *"Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa"*[14].

Antolisei, fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)*, jaghmel ukoll referenza ghal Carrara, u jghid hekk:

> *"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi*

---

[12] *Lectures in Criminal Law*, Vol 1, pg 69
[13] ibid, pg 67 (sottolinear fit-test originali)
[14] ibid, pg 68 (sottolinear fit-test originali)

*conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'".*[15]

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Richard Grech***[16] gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti billi persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza tikkonsisti billi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli, ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta.

Fl-istess sentenza gie ritenut dak li kien diga ntqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli***[17], fejn saret ukoll, fost l-ohrajn, referenza ghal Giorgi:

*"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.*

[15] Antolisei, *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)* (Giuffre', 1997, 14 ed) 364
[16] *Pulizija vs Richard Grech* (Appell Kriminali, 21/03/1996, De Gaetano)
[17] *Pulizija vs Perit Louis Portelli* (Qorti Kriminali, 04/02/1961, Kollez XLV.iv.870, Flores)

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t'Ottubru 2012 fl-ismijiet : **Il-Pulizija v Peter Stroud**[18] il-Qorti ccitat dak illi qal **Archbold** fil-**Criminal Pleading, Evidence and Practice**:

*"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case ... but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."*

[18] Appell Kriminali Numru. 225/2011 deciz mill-Imhallef Michael Mallia

Il-Qorti tirrileva li dak applikabbli fil-ligi Civili r-*res ipsa loquitur* (Il-fatti jitkellmu wehidhom) m'ghandiex applikazzjoni diretta fil-Ligi Kriminali izda kif intqal fil-kaz **Wilkinsons** f'para 5.52:

> "*the fact that res ipsa loquitor has no application to criminal law does not mean that the prosecution have to negative every possible explanation of a defendant before he can be convicted of careless driving where the facts at the scene of an accident are such that, in the absence of any explanation by the defendant, a court can have no alternative but to convict*".

Kif tajjeb gie osservat fil-kawza **Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri et**, Appell Civili, 23 ta' Frar 1962:

> *"Hu obbligu li kull driver jirregola s-sewqan skont il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huwa l-hin ta' billejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat tal-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out' liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli"*.

Illi huwa principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm l-hekk imsejjah "*proper look out*". Gie ritenut li:

> *Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to*

*side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[19]

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li

*... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kinitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[20]

Illi dwar velocita' m'hemmx dubju li *speed* jista' jkun ecessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita' izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.[21]

Fil-kaz ***R v L** [2011]* Toulson LJ sostna:

*"..it is ultimately for the jury to decide whether, considering all the evidence, they are sure that the defendant should fairly be regarded as having brought about the death of the victim by his careless driving. That is a question of fact for them. As in so many areas, this part of the criminal law depends on the collective good sense and fairness of the jury."*

Fil-kaz **R v Hughes [2013] UKSC 56** intqal li:

"*some act or omission in the control of the car, which involves some element of fault, whether amounting to careless or inconsiderate*

[19] **Pulizija vs Roderick Debattista**: Appell Kriminali deciz 26 ta'Mejju 2004
[20] **Pulizija vs Joseph Grech**: deciza 6 ta' Gunju 2003
[21] **Pulizija vs Haden Vella** op cit

*driving or not, and which contributes in some more than minimal way to the death of an individual."*

**Jekk tirrizulta xi negligenza kontributorja, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in kunsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi erogata.**

Illi f'dan is-sens jikkommenta anke l-Antolisei:

> *Nell'ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle colpe, nel senso che la colpa dell'uno verrebbe annullata dalla colpa dell'altro. Cosi non si dovrebbe punire l'automobilista, se l'investimento sia dovuta anche alla colpa della vittima. Cio non puo' ammettersi, perche il principio della compensazione delle colpe, se vale nell'ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell'eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l'applicazione concreta della pena*[22]

Il-Qorti waqt li qieghda tiddeciedi trid izzomm f'mohhha l-mistoqsija jekk l-agir tal-imputat kienx il-fattur li wassal għal dan l-incident stradali. Huwa jrid iwiegeb ghal dan l-agir tieghu indipendentement minn dak li seta' għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li **unikament u esklussivament** iwassal għall-incident stradali. Fil-kamp

[22] Ref **Manuale di Diritto Penale Parte Generale** 1989 Giuffre pagna 332

penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru akkadut.

Il-gurisprudenza fir-rigward tan-negligenza tas-suggett passiv ta' allegat reat f'diversi sentenzi li f'sedi kriminali, in-negligenza kontributorja ta' haddiehor ma tbiddel xejn mir-responsabilità kriminali ta' l-imputat ghaliex hu principju f'materja kriminali li tali negligenza kontributorja ta' haddiehor ma tezonerax lill-imputat sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru.[23]

L-Archbold fil-parti fejn jitkellem dwar **Causing Death by Careless, or Inconsiderate Driving**[24] jghid li**:**

*The elements of this offence that the prosecution must prove are that:*

- *– the defendant was the driver;*
- *– the vehicle was being driven;*
- *– the vehicle was a mechanically propelled vehicle;*
- *– the vehicle was being driven on a road or other public place;*
- *– the vehicle was being driven without due care and attention; or*
- *– the vehicle was being driven without reasonable consideration for other persons using the road or place;*
- *– the death of another person is caused by that driving.*

[23] Ara is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Richard Joseph Maurice Vella*** *(06.06.2014)*.
[24] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1261 para 17-41

*(ii)* ***L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 – Sewqan bla kont, traskurat u perikoluz***

L-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jistabilixxi li:

> *"Kull min - (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew (b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu."*

Il-legislatur ma jaghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi sewqan bla kont, traskurat jew perikoluz. Allura jispetta lill-gudikant li jaghti l-interpretazzjoni tieghu u jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas tal-legislatur.

Ta' ghajnuna f'dan ir-rigward hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Riportata f'Volum LXXXI.iv.57) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Il-Qorti kienet irriteniet li:

> ***"Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-*

*kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain,** Appell Kriminali, 21/5/96)".*

Il-kwistjoni jekk sewqan jistax jigi klassifikat bhala negligenti, bla kont jew perikoluz hija kwistjoni purament ta' *"degree"*.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel**, deciza fid-19 ta' Frar 2004 intqal li:

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App.* ***Krim. Pul. Vs Charles Bartolo,*** *14.3.59,* ***Pol. vs Wilson [Vol.*** *XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV,* ***p.*** *933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App.* ***Krim. Pul. vs Hardingham,*** *19.10.1963)."*

*Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina,*** *20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet : **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino**, deciza fil-15 ta' Jannar 1997 qalet illi:

*".... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-*

*istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."* (ara wkoll il-kawza : **Amadeo Mea vs Carmelo Vella** (Appell Civili, 24 ta' Jannar 1966).

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali kif preseduta fis-sentenza taghha : **Pulizija vs Clayton James Fenech**, deciza fit-23 ta' Mejju 2016 (Kaz. Nru. 1041/2011) qalet:

*"f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah 'esprit de voiture'. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat ... hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali b'mod partikolari l-wirt li hallielna dwar materji ta' traffiku l-Imhallef Joe Galea Debono u dan minhabba l-esperjenza twila li kellu bhala espert tat-traffiku qabel ma ssejjah biex iservi fil-Gudikatura huma gwida ghall-Qorti meta tkun qieghda tiddelibera dwar kazijiet bhal dan in ezami. L-Imhallef Galea Debono fil-

kaz il-**Pulizija vs Luke Falzon**[25] deciz fis-18 ta' Ottubru 2007 jelenka numru ta' decizjonijiet u t-taghlim taghhom:

Fil-kaz **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ([3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li:- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari, imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkretizza ruha f'konsegwenzi dizastruzi. Il-ligi in tema ta' sewqan perikoluz tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta'."*

Fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Claudia Camilleri**" [15.11.1996.] intqal li "il-fatti – inkluzi l-provi indizjarji – *"circumstantial evidence"* jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti …dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "*presumptions of fact*". These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact."

Speed jista' jigi dedott mit-tul tal-*brake marks* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. A.I.C. Mortimer"** Vol. XL. iv. p.1282).

**KONSIDERAZZJONIJIET IMQAJJMA FIS-SOTTOMISSJONIJIET**

**<u>Opinjoni ta' espert kontra perswazjoni tal-qorti</u>**

Il-parte civile fin-nota ta' sottomissjonijiet ma qablitx ma' konkluzzjonijiet li wasal ghalihom l-espert tat-traffiku Mario Buttigieg fl-inkjesta u li jidher li kienu l-konkluzzjonijiet tieghu li waslu biex jinbdew dawn il-proceduri.

[25] Appell Kriminali Nru 287/07

Il-Qorti ha tiehu inkonsiderazzjoni dak li qanqlet il-parte civile li *"Fir-rapport tieghu, l-espert Dr. Buttigieg jghid li, li kieku l-mutur ma kienx ghaddej b'dak l-ispeed, l-impatt ma kienx isehh. Bhal donnu l-istess espert jinjora ghal kollox li bil-konkluzjonijiet tieghu stess, u bil-verifika tat-triq dritta li huwa seta' ben jikkonstata, il-mutur kien ben vizibbli ghax-xufier, u ghalhekk ma jaqbel xejn mad-dikjarazzjoni tal-istess imputat li huwa hares ghal darba tnejn fuq l-iStop Sign qabel hareg mit-triq laterali. Huwa ferm aktar verosimili, fil-fatt, li l-imputat baqa' hiereg mit-triq laterali (anke jekk mhux b'xi velocita' eccessiva) b'mod li mbaghad id-distanza bejnu u bejn il-mutur kienet qasira wisq biex taghti lill-mutur cans jieqaf"*

Id-difiza sostniet li: *"Fl-ahhar mill-ahhar, ghalhekk, il-konkluzjonijiet tal-Avukat Mario Buttigieg dwar it-teknikalitajiet tal-impatt, b'dettalji fizici u xjentifici normalment moghtija minn esperti inginiera, ma ghandhomx jitqiesu bhala fatt, u fid-dawl ta' dak kollu li inghad hawn fuq, l-esponenti jidhrilhom li din l-Onorabbli Qorti ghandha tallontana ruhha minnhom ghal dak li jirrigwardja r-responsabbilita' tad-defunt Zammit"*[26]

[26] Nota ta' sottomissjonijiet a fol. 96 et seq.

Il-Qorti se tirreferi ghal numru ta' decizjonijiet fejn il-Qrati taghna trattaw l-artikolu 656 tal-Kap 9. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Akram Amar Swayah**[27] deciza fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

> *Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil- fehma tieghu, peress li l-imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*
>
> *Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l- perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*
>
> *Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l- perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*
>
> ***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

27 Appell Kriminali Numru. 124/2005

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali". Skond gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma'xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il- Pulizija v. Paul Spagnol****, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) v. George Xuereb**[28] ppreseduta mill-Agent President Imhallef Joseph A. Filletti u l-Imhallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

*"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal- Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u* ***"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-*

[28] Appell Civili Numru. 24/2008/1

*opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (**artikolu 656 tal-Kap. 9**) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-atti ta' l-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**[29] deciz fl-4 ta' Marzu, 2010 mill-Aggent President DImhallef David Scicluna u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph R. Micallef intqal:

*Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill- Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*

***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact***

[29] Appell Kriminali Numru 3333/2010

***that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[30] deciz mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef deciz fit-8 ta' Gunju 2006 iddikjaraw**:**

> *Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9:* ***"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."*** *L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li* ***"kontra l- perswazjoni"*** *taghhom ma kienx ifisser* ***"kontra l-kapricc ta' mohhkom"*** *izda ghal raguni valida legalment.*

U finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg**[31] tat-13 ta' Lulju, 2006

[30] Appell Kriminali Numru 9/1996
[31] Appell Kriminali Numru 22/1997

deciza mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:

*Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*

***"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali*** *[fit-test ingliz:* ***special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."***

*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal- ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'* ***Blackstone's Criminal Practice 2001***[32] *, "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'* ***Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003***[33]*, King C.J. qal:*

***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight***

---

[32] Para. F10.3 pagna 2120.

[33] Para. 10-65 pagna 1234.

***of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....***

***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il- kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l- gudikant tal-fatt* ***"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"*** *(Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl- odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** *moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur*

*Hector Galea ma kellux il- kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.*

Meta l-Qorti se tanalizza dan ir-rapport u issib fejn hemm ragunijiet bizzejjed biex il-Qorti ma taccettax il-konkluzzjonijiet tal-espert se taghmel dan.

**Il-kuncett tal-bonus pater familias**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz il-**Pulizija v. Kevin Sammut**[34] fit-23 ta' Jannar 2009. F'din id-decizjoni l-Prim Imhallef Vincent Degaetano jidhol fid-dettal dwar il-kuncett tal-*bonus pater familias*:

> Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**.

[34] App Nru 192/08

F'dik is-sentenza nghad hekk:

**"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu *The Criminal Law of Scotland*[35]:**

> **""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then**

[35] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.

**require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[36]**

**"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza** ***"is advertent and involves foresight of the risk"*****[37] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:**

**""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as**

[36] Para. 7.28, pp. 232-233.

[37] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."

**reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[38] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed**

---

38 Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

**the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."**[39]

[39] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

**KONKLUZZJONIJIET**

Mid-dinamika ta' dan l-incident jirrizultaw is-segwenti fatti[40]:

- L-imputat kien ghadu kif hareg minn triq laterali ghal fuq triq magguri;
- Il-vittma Barry Christopher Zammit kien qed isuq fil-main road;
- Kien hemm *stop sign* fejn il-vettura tal-imputat waqfet u minn hemm l-imputat hareg ghal fuq it-triq magguri;
- L-imputat ma rahx il-mutur u kien biss x'kien hass l-impatt man-naha ta' wara tal-vettura tieghu li nduna bil-mutur;
- Jirrizulta wkoll li l-imputat kien kkompleta l-manuvra tieghu li jidhol fil-karreggjata fid-direzzjoni lejn Hal Luqa;
- Il-vettura misjuqa mill-imputat soffriet hsarat estensivi fuq il-parti ta' wara taghha[41]:

i. Bieba ta' wara li taghti ghal-bagol;
ii. Windscreen ta' wara;
iii. Fanali ta' wara kemm tan-naha tax-xellug kif ukoll tan-naha tal-lemin;
iv. Mudguards ta' wara kemm tan-naha tax-xellug kif ukoll tan-naha tal-lemin;
v. Saqaf u Tapezzerija;
vi. Bumper ta' wara; kif ukoll
vii. Stop light tal-windscreen ta' wara.

---

[40] Ara rapport tal-espert mahtur Mario Buttigieg kif ukoll mill-Pirs Report.
[41] Fir-ritratti migbuda mill-espert PC1331 Darren Debattista a fol. 24, 40, 41 u 42 tal-Proces Verbal jidhru l-hsarat.

Il-Qorti kellha tibbaza l-konkluzzjonijiet taghha fuq r-relazzjoni tal-espert Mario Buttigieg kif ukoll dik tal-Perit Valerio Schembri, izda zammet f'mmoha kontinwament is-sottomissjonijiet tal-parte civile.

Mir-relazzjoni tal-espert Mario Buttigieg jinghad *"fejn allegatament sehh l-incident mhux imdawwar bil-bini. Madanakollu f'dawk l-inhawi hemm tabelli fejn jindikaw li l-**limitu tal-velocita hi dik ta' hamsin kilometru fis-siegha**."*[42] Madanakollu ghalkemm l-limitu tal-velocita' huwa dak ta' 50kfs, *"minn kalkoli illi ghamel*[43]*, **irrizulta li l-motociklist Barry Christopher Zammit kien qed isuq il-mutur tieghu b'velocita minima ta' sitta u disghin kilometru fis siegha [96kfs]"***[44]

Mill-atti proceswalli jirrizulta illi Barry Christopher Zammit fil-hin tal-incident kien qieghed isuq b'velocita' eccessiva, kwazi id-doppju ta' dik permessibbli mil-Ligi. Iirrizulta wkoll illi l-istess vittma kien qieghed isuq b'velocita eccessiva gewwa t-Triq St. Andrews f'Pembroke madwar siegha qabel l-incident. Barry Christopher Zammit inqabad permezz ta' speed camera fejn jirrizulta illi ghalkemm il-limitu ta' velocita permessa bil-ligi hija dik ta' 70 kilometru fis-siegha, Zammit kien qieghed isuq b'velocita ta' 87.6 kilometru fis-siegha.[45]

Il-posizzjoni tal-hsara fuq il-vettura misjuqa minn Sultana u l-iskizz ppreparat mill-Perit Valerio Schembri juri li l-imputat kien gia qasam zewg karreggjata, dritta l-vettura tieghu u beda jsuq 'il quddiem – dan jikkonferma l-fatt illi l-hsarat fuq il-vettura sehhew kompletament fuq il-

[42] A fol. 121 tal-Proces Verbal
[43] l-espert Mario Buttigieg
[44] A fol. 127 tal-Proces Verbal
[45] A fol. 180 u 181 tal-Proces Verbal

parti ta' wara tal-vettura Toyota Vitz.

Il-Qorti m'ghandhiex dubju li d-*decujus* kien ghaddej b'velocità qawwija.

Il-Qorti ma sabet xejn fl-evidenza li jikkontradici dan il-fattur determinanti u cioè, li d-*decujus* kien qed isuq b'velocità qawwija. Evidenza bhal din ma tistax tigi ribattuta biss b'argumentazzjoni imma bil-provi.

Id-domanda li ghamlet il-Qorti hija jekk, fic-cirkostanzi li rrizultaw mill-provi, setghax l-imputat jipprevedi li mutur kien se jitfacca hekk kif johrog fit-triq ewlenija b'velocità qawwija.

Mill-provi prodotti, jirrizlta illi Sultana la setgha jipprevedi dan l-incident u wisq anqas jippreveni. Mhux l-istess ghall-vittma fejn l-espert Buttigieg jghid ***"Illi li kieku Zammit kien qed isuq b'velocita' hekk kif permessibbli bil-ligi hu kien jieqaf f'distanza ta' sebgha u ghoxrin metru punt hamsa tmienja (27.58) metru u b'hekk kien jevita l-kollizjoni"***[46]

Mill-provi prodotti, ma jirrizulta l-ebda nuqqas fis-sewqan tal-imputat, li ghalkemm kellu responsabbilita' ikbar meta huwa kien qieghed johrog minn triq laterali ghal fuq triq arterjali, madanakollu minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi huwa ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji jew li kien imprudenti, traskurat u li ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku.

Huwa evidenti, kif jghid il-Manzini, li l-kriterju ma jista' qatt ikun li galadarba gara hekk, allura dak l-event kien prevedibbli. Altrimenti kull

[46] A fol. 128 tal-Proces Verbal

incident tat-traffiku jwassal bilfors ghal xi forma ta' *culpa* ta' xi hadd. Kien proprju ghalhekk li, fis-sentenza ta' ***Portelli***, l-Imhallef Guze' Flores osserva li ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-*bonus pater familias*[47]; dik il-kondotta, cioè, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilità normali. Anke Sir Anthony Mamo ikkwotat aktar 'l fuq, jghid li *[t]he law demands not that which is conceivably possible but that which is reasonable. Were men to act on any other principle but this, excess of caution would paralyse the business of the world*.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur

[47] Ara s-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Sammut** iccitata mill-Qorti aktar qabel.